# il-Gżejjer

IS-SITT SENA JANNAR 1977 NRU. 65



# inti u l-liġi

*Kont ftehimt bil-fomm ma' wieħed biex jikrili ħanut għal erba' snin 'di fermo' u erba' snin oħra jekk irrid 'di rispetto'. Għaddew ftit ġranet u meta mort għand is-sid biex il-ftehim iseħħ, qalli li reġa' bdielu; u li la m'hemmx ftehim bil-miktub, m'hemmx rabta. Dan veru? Min għalija, ftehim ta' bejgħ irid isir bil-miktub, imma ftehim ta' kera le.*

Għandek raġun u m'għandekx. Kieku inthom ftehemtu fuq kemm se jkun il-kera, kull kemm jitħallas, xi spejjez se jkunu għalik u xi spejjez se jkunu għas-sid, u ma tkellimtu xejn fuq iż-żmien (i.e. l-erba' snin 'di fermo' u l-erba' snin 'di rispetto'), kontu tkunu marbutin it-tnejn. Imma, skond l-artikolu 1277 tal-Kodiċi Ċivili, fil-parti li tittratta fuq l-obligazzjonijiet, il-ftehim ta' kiri ta' immobbli (djar jew art) għal żmien ta' iżjed minn sentejn jekk ma jkunx magħmul b'kuntratt jew bi skrittura privata, ikun null.

Li il-ftehim ta' kiri jista jsir anki bil-fomm, insibuħ fl-artikolu 1614. Imma dan meta ma hemmx ftehim fuq iż-żmien tal-kirja li jrid ikun ta' aktar minn sentejn. Fejn iż-żmien miftiehem jiskorri s-sentejn, jidħol l-artikolu 1277 li semmejna.

* * *

*X'jiġifieri legat rimuneratorju?*

Legat rimuneratorju hu legat ta' flus, deheb jew ġid immobili (bini jew art) imħolli f'testment lil xi ħadd *bħala ħlas* għal kuri, assistenzi u servizz. Hi ħaġa xierqa li min jaħdem, u jservi lil xi ħadd, għandu jkollu ħlas xieraq. Dan il-ħlas, jew rimunerazzjoni (għalhekk il-kelma 'rimuneratorju') ħafna drabi jitħalla f'testment.

* * *

*Ommi u missieri għamlu testment fejn qassmu ġidhom b'mod li x'uħud misshom l-aħjar, u jiena anqas biss il-leġittma. Aħda tliet aħwa; imma wieħed minnha daħal patri u qabel ipprofessa fl-Ordni tiegħu, għamel att ta' rinunzja. Issa biex nistabbilixxu l-leġittma tiegħi, għandna ngħoddu t-tliet itfal li aħna, jew lill-patri, billi irrinunzja, inħalluħ barra?*

Le. Il-leġittima, meta tiġi biex tkun stabbilita, titqies fuq in-numru tat-tfal kollha, anki ta' dawk li jkunu irrinunzjaw. Mela il-leġittima tiegħek hi 1/3 ta' 1/3 jiġifieri 1/9. Tinsiex li inti imissek 1/9 minn kollox: flus, deheb, għamara u fided, bini u art.

*Jiena u ħuti writna ġien. Dan il-ġnien qiegħed jinħadem minn wieħed minn ħuti, u qiegħed reġistrat f'ismu fid-Dipartiment ta' l-Agrikultura. Jekk jiġi nieqes hu, martu tkun tista' tiċħadna minn dan il-ġnien?*

Jekk ħukom qiegħed iħallas il-qbiela, allura dan juri li l-ġnien mhux tiegħu. Jekk mhux qed iħallas qbiela, hemm perikolu li maż-żmien għad isir tiegħu bi preskrizzjoni.

* * *

*Ġuvni li jkun xtara xi oġġetti tad-dar ikun jista' joħodhom lura wara li jiżżewweġ?*

La jkun xtrahom bi flusu, huma, u jibqgħu tiegħu. Imma ma jridx iħalli s-snin igħaddu, għax jista' jitlifhom. L-aħjar li għandu jagħmel hu li jitlob lil missieru, (li milli jidher mill-ittra, għadu ħaj) biex jagħmel testment fejn jiddikjara li dawk l-oġġetti huma tassew ta' dan l-iben.

RITRATT TA' L-EWWEL PAĠNA

**DOTT. ANTON BUTTIGIEG**

**It-Tieni President ta' Malta Repubblika.**

## IL-KAĊĊA

Jeħtieġ li naraw min-naħa tad-dilettanti talkaċċa aktar rispett lejn il-liġijiet u r-regolamenti u li dawn b'mod partikolari ma jkunux ta' periklu għall-pubbliku. Mhux l-ewwel darba li smajna nies igħidu li sfaw imwerwra minn kaċċaturi li joħorġu f'nofs ta' triq pubblika minn fejn igħaddu l-karrozzi u jippuntaw is-senter għal tajr li għal bżonn mhux suppost jisparaw fuqu. Dan f'toroq ewlenin tal-kampanja minn fejn kontinwament ikunu għaddejjin in-nies u l-karozzi.

**Hemm ir-regolamenti dwar fejn wieħed jista' jispara għall-kaċċa u fejn ma jistax u dawn ir-regolamenti hemm bżonn li jiġu osservati sewwa.** Ħadd ma għandu dritt jipperikola l-ħajja ta' familja bit-tfal, li jkunu qed jieħdu ftit mistrieħ wara ġimgħa xogħol. Ħadd ma għandu dritt jispara fuq għasafar u tajr li fil-liġi huma speċifikati li ma tistax tispara fuqhom u dan biex jiġi ppriservat il-ġmiel tan-Natura f'Malta inkluż il-qasam ornitoloġiku. Dak li għandna sabiħ u lokali jeħtieġ li ngħożżuh, nibżgħu għalih u nkunu kburin bih bħal ma hu l-każ f'pajjiżi oħra.

Jeħtieġ f'dil-linja jkollna aktar kuxjenza, apprezzament tal-wirt ta' art twelidna, jeħtieġ b'mod ġenerali nuru aktar sens ta' dixxiplina u li aħna ċittadini tajba. Jeħtieġ nghinu l-Gvern, il-Pulizija fl-appelli li jagħmlulna. Ma għandniex ma nabbużawx għax naħsbu li ser ninqabdu. Aktar m'għandniex nabbużaw għax nafu li qed nagħmlu ħaġa ħażina, li qed niksru l-liġijiet, li aħna neqsin minn kuxjenza u nuqqas ta' valuri. Fuq kollox għandna nibżgħu għall-ħajja ta' ħaddieħor.

Nittamaw għalhekk li ma narawx sparar bl-addoċċ u fejn ġie ġie. Nittamaw li dis-sejħa ma taqax fuq widnejn torox u li l-abbużi li semmejna jinqatgħu darba għal dejjem.

# IL-PERSONALITA' VERA TIEGĦEK

Doris għandha żewġ ħutha bniet oħra. Hija l-ikbar fosthom u filwaqt li jinsabu miżżewġin Doris għadha xebba. Dan l-aħħar ommha qaltli: "Ma nistax nifhem il-għala hija ma żżewġitx. Naħlef għaliha li hija xebba bil-għaqal u tkun idejali bħala mara miżżewġa. Anzi ma nistax ngħid li ħutha l-miżżewġin ma jinqalgħux daqsha".

Lil din ix-xebba ili nafha għal żmien twil. Sakemm kellmitni ommha kont naħseb li Doris ma tridx tiżżewweġ iżda mbagħad sibt li kien bil-maqlub. Kellimtha mill-qrib u veru kellha ħwejjeġ sbieħ iżda wara ftit tal-ħin intbaħt li kellha difett. Doris ma kenitx "il-veru hi".

Ħutha huma xort'oħra. Dak li jħossu jgħiduh u li jfettlilhom jagħmlu jagħmluh basta joqogħdu attenti li ma jweġġgħu lil ħadd. Id-differenza bejn Doris u ħutha hija illi filwaqt li Doris iżżomm ruħha lura minħabba l-biża' li toffendi lil xi ħaddieħor, l-aktar lill-ġenituri tagħha, ħutha jimxu u jaħsbu kif iħossu huma l-iżjed meta l-musmar jolqothom fuq rashom. Fi ftit kliem Doris hija persuna illi żżomm kollox fiha u tagħmel dak li jogħġob l-aktar lil ħaddieħor u mhux li tieħu pjaċir minnu hi.

minn **MARIJA CAMILLERI**

Dan id-difett fil-personalità ta' Doris inħoloq fi ċkunitha u baqa' jiżviluppa magħha. Fit-trobbija tagħha, Doris minn dejjem kienet meqjusa bħala "il-mudell" għal ħutha l-oħra. Fi kliem ieħor kellha timxi b'mod illi b'għemilha kellha tagħti eżempji tajba biss lil ħutha. Ġara għalhekk illi l-emozjonijiet naturali tagħha bħal, nervi, buli, u kliem illi seta jwassal għal xi ġlied bejnha u l-ġenituri tagħha kellha trażżanhom u minflok baxxet rasha għar-rieda tal-ġenituri, l-aktar ta' l-omm.

It-tobba, u l-psikoloġisti jsostnu illi tifla normali ma tistax tkun dejjem "ubbidjenti" għax l-istinti naturali tagħha jġagħluha tmur kontra l-prinċipji ta' min jikkmandha. Iżda Doris minħabba li dejjem għexet taħt il-ħarsien ta' omm, b'id iebes, waħħlitha f'rasha li kemm-il darba se terfa' rasha xi ftit kienet se titlef l-imħabba tal-ġenituri tagħha. F'din il-qagħda Doris qatt ma setgħet tiżviluppa l-personalità ndividwali tagħha, iżda żviluppat f'xebba b'karatteristiċi ta' ħaddieħor. Din il-ħsara hija kollu kaġun ta' l-omm li qatt ma tat ftit tan-nifs lil bintha biex taħseb u tgħix skond l-intellett tagħha.

Nies tat-tip ta' Doris, huma persuni illi jibżgħu jifthu fommhom u jgħidu dak li jħossu. Għaliex dejjem jibżgħu illi ħaddieħor mhux se jieħu gost bihom. Dawn għandhom ikunu jafu illi r-rispett ma jintrebaħx billi jbiddlu xi karatteristiċi mill-karattru tagħhom sabiex ikunu jixxiebħu ma' ta' l-oħrajn, iżda billi jżommu l-individwalità tagħhom u jkunu "huma nnifishom".

Il-bniedem ma jridx igħix f'dinja artifiċjali. Is-sbuħija tinsab fir-realta tal-ħaġa u mhux fix-xbieha tagħha. Kritiku ta' l-arti jgħożż aktar biċċa xogħol oriġinali bħal, ngħidu aħna kwadru mpitter milli xi rriproduzzjoni. L-istess ħaġa nistgħu ngħidu għalina. Il-bniedem huwa iktar maħbub u miġjub meta jfisser ħsebijietu u jagħmel dak li jħoss, skond l-istinti tiegħu, milli meta jagħmel xi ħwejjeġ li għalkemm ikunu kontra qalbu, ikollu jagħmilhom sabiex jidher raġel f'għajnejn ħaddieħor.

Jekk forsi hawn x'uħud fostna illi jibżgħu "jkunu huma" jaqbillhom jiftakru illi anki l-akbar għaref jammetti n-nuqqasijiet tiegħu. Id-djufija tal-bniedem tnaqqaslu l-qawwa tal-personalita' tiegħu u b'hekk jispiċċa ġifa quddiem ħaddieħor. Qatt tibżgħu li turu fehmietkom għaliex l-individwaliżmu jagħmel il-bniedem b'karattru sod.

Fl-aħħar ftakru illi huwa bżonn kbir li nitgħallmu nirrispettaw lilna nfusna kif aħna u mhux kif iridna ħaddieħor.

RIĊETTA:

## CHICKEN CURRY

Ikollok bżonn:

- nofs artal tiġieġa nejja
- tuffieħa misjura
- basla
- żewġ terzi ta' pinta stock
- mgħarfa tad-deserta curry powder
- mgħarfa tad-deserta sugu tad-tadam
- kuċċarina marmalade tal-lariġ
- melħ u bżar.

Qatta t-tiġieġa f'biċċiet żgħar. Qaxxar it-tuffieħa u qattagħha wkoll f'biċċiet żgħar ħafna. Wara qatta fin il-basla u flimkien mat-tuffieħa waddabhom ġo kazzola fejn ikollok l-istock għal-lest. Żid magħhom il-curry, is-sugu tat-tadam, il-marmalade u l-bżar u l-melħ. Ħalli t-taħlita fuq in-nar sakemm tibda tagħli, imbagħad agħttiha u ħalliha ttektek għal madwar 15-il minuta. Żid it-tiġieġa u ħalli kollox fuq in-nar għal 5 minuti oħra.

Servi din it-taħlita mar-ross u l-pastard.

# TAGHRIF MILL-PARLAMENT

## TELEKOMUNIKAZZJONI

Il-Gvern bħalissa qed iwettaq programm intensiv fl-iżvilupp tat-telekomunikazzjonijiet lokali — programm li mhux biss immirat biex jaqdi d-domanda għas-servizzi iżda wkoll biex itejjeb is-sistema ġenerali. Wieħed jifhem li programm bħal dan li għalih il-Gvern qed jonfoq miljuni ta' liri hu mistenni li jaqdi mhux biss il-bżonnijiet li Malta għandha llum imma wkoll li ser ikollha sa l-1980 — l-aħħar sena tal-Pjan ta' Żvilupp. Dan qed isir b'bini ta' exchanges li jipprovdu 26,000 linja, tqegħid ta' cables mifruxin minn naħa għall-oħra ta' Malta u xogħol ieħor konness. Dan bilfors joħloq xi ftit problemi bħal "faults" iżda dawn huma temporanji tant li jirriżulta li l-isforzi li għamlet u qegħda tagħmel il-Korporazzjoni tat-Telemalta taw riżultat posittiv meta wieħed jikkonsidra li l-"faults" li kienu jeżistu f'dawn l-aħħar xhur niżlu ħafna minn Lulju li għadda. Fil-fatt il-"faults" li kienu jeżistu fuq l-exchange tal-Marsa niżlu għal madwar terz ta' dawk li irreġistrati f'Lulju li għadda.

Kull ilment jiġi investigat għas-sodisfazzjon ta' l-abbonati. Għal dan il-għan il-fergħa tal-kontijiet tat-Telemalta qegħda tara liema kontijiet juru żieda mhux tas-soltu, jiġifieri żieda esaġerata, u l-abbonati rispettivi għandhom jiġu nfurmati li l-kont tagħhom qiegħed jiġi mistħarreġ u li sakemm jirċievu avviż ieħor dawn ma għandhomx iħallsu l-kont. Minħabba li s-sistema tat-tariffa tas-servizz awtomatiku tat-telefon jaħdem differenti minn dak manwali, l-abbonati li jċemplu barra minn Malta dirett, il-kont ta' dawk is-sejħiet jiġi inkluż mal-kont tas-sejħiet lokali. Nieħdu l-eżempju ta' abbonat li jagħmel sejħa għall-Ingilterra. Għal kull minuta li dan idum jitkellem daqs kieku għamel 40 sejħa lokali.

* * *

## ĦADDIEMA NISA

In-numru ta' nisa u tfajliet li kienu jaħdmu kien hekk:

| | |
|---|---|
| Diċembru 1962 ... ... | 15,560 |
| Diċembru 1971 ... ... | 22,830 |
| Novembru 1976 ... ... | 28,702 |

* * *

## ESTATE INDUSTRIJALI F'GĦAWDEX

F'Diċembru ta' l-1971 in-numru ta' ħaddiema fl-Estate Industrijali tax-Xewkija kien 400. Illum hemm 1,602 ħaddiema.

## LUKANDI U 'HOLIDAY PREMISES'

(a) F'Novembru, 1976, kien hemm 97 lukanda, li kienu klassifikati hekk:

| | |
|---|---|
| Klassi DE LUXE ... ... ... | 7 |
| L-EWWEL Klassi 'A' ... ... | 3 |
| L-EWWEL Klassi 'B' ... ... | 6 |
| IT-TIENI Klassi 'A' ... ... | 19 |
| IT-TIENI Klassi 'B' ... ... | 27 |
| IT-TIELET Klassi ... ... ... | 25 |
| IR-RABA' Klassi ... ... ... | 9 |

u, ukoll lukanda waħda li ma kenitx klassifikata.

(b) In-numru totali ta' mpjegati kif ġie magħdud fit-30 ta' Settembru, 1976, kien 3,895.

In-numru totali ta' sodod f'dawn il-lukandi huwa 9,875, jiġifieri:

| | |
|---|---|
| FID-DE LUXE ... ... ... | 2047 |
| FL-EWWEL Klassi 'A' ... | 920 |
| FL-EWWEL Klassi 'B' ... | 990 |
| FIT-TIENI Klassi 'A' ... ... | 2499 |
| FIT-TIENI Klassi 'B' ... ... | 1975 |
| FIT-TIELET Klassi ... ... | 1089 |
| FIR-RABA' Klassi ... ... | 307 |
| u, fil-lukanda mhux klassifikata ... ... ... ... | 48 |

(ċ) Għalkemm ir-reġistrazzjoni ta' 'holiday premises' mhix lesta, sad-data ta' l-egħluq ta' l-applikazzjonijiet għal dan l-iskop, jiġifieri sal-15 ta' Lulju, 1976, kien hemm applikazzjonijiet għar-reġistrazzjoni ta' 2,791 post.

* * *

## IL-KORP TAL-PULIZIJA

Il-membri kollha tal-Korp tal-Pulizija għandhom l-għażla li jistgħu jibqgħu jservu fil-Korp sa l-età ta' 60 sena.

Dan id-Dipartiment jifhem, għalhekk, illi kull min, għax irid hi, u mingħajr raġuni valida jitlaq qabel dik l-età jkun tilef opportunità ta' xogħol u allura ma jkunx hemm raġuni għaliex dan għandu jitqies bħala 'bona fide' persuna qegħda.

Konsiderazzjoni speċjali, pero' tingħata fil-każ ta' membri li jkunu ħallew is-servizz minħabba raġunijiet ta' saħħa, jew xi raġuni oħra valida.

* * *

## GĦALLIEMA FIL-KINDERGARTENS

In-numru ta' individwi li jgħallmu fil-Kindergartens hu 221.

Il-paga tagħhom hi £M13.25 fil-ġimgħa.

Dan il-grad għadu mhux riorganizzat u qed jittieħdu passi biex din ir-riorganizzazzjoni tkun imwettqa f'qasir żmien.

* * *

## EMIGRANTI

In-numru ta' emigranti li ġew lura bejn Jannar u Novembru ta' din is-sena kien ta' 4,229, filwaqt li n-numru ta' emigranti li rreġistraw għax-xogħol għall-istess perijodu kien ta' 1,256.

# ...... fil-qosor



## IL-MINISTRU BARBARA F'LAQGĦA MA MINISTRU LIBJAN

Il-Ministru tax-Xogħol, Għajnuna Soċjali u Kultura, l-Onor. Agatha Barbara dan l-aħħar kellha laqgħa mal-Ministru tax-Xogħol u tas-Servizz Pubbliku fir-Repubblika Għarbija tal-Libja, Abdulati el-Obeidi li bħala radd il-ħajr tal-poplu Malti għat-twettiq tal-ħidma siewja tiegħu bejn iż-żewġ pajjiżi, dan l-aħħar ġie mgħoti l-midalja "Għall-Qadi lir-Repubblika".

F'din il-laqgħa, iż-żewġ Ministri ddiskutew dwar aktar tisħieħ ta' koperazzjoni li diġa teżiżti bejn Malta u l-Libja b'mod speċjali fil-qasam tax-xogħol.

## IL-MINISTRU LORRY SANT JIPPREŻENTA TAZZI U TROFEJ LIR-REBBIEĦA TAT-TIENI KOMPETIZZJONI TAL-BOĊĊI ORGANIZZATA MILL-KLABB TA' SANTA LUĊIJA

Dan l-aħħar fis-sala parrokkjali ta' Santa Luċija saret il-preżentazzjoni ta' tazzi u trofej (ġenerożament mogħtija mill-aħwa s-Sinjuri Edward u Joe Attard, f'isem id-ditta 'Combinatie' ta' l-Olanda) mill-President Onorarju tal-Klabb l-Onor. Lorry Sant, Ministru tax-Xogħlijiet u Sport, waqt 'Get Together' għall-membri kollha tal-Klabb.

Fid-diskors tiegħu, l-Onor. L. Sant wera x-xewqa li dan l-isport tal-boċċi għandu jiġi organizzat fuq bażi nazzjonali. F'dan il-qasam il-Gvern qed jagħti s-sehem tiegħu billi qed jibni pitches u faċilitajiet oħra kważi f'kull belt u raħal ta' Malta u Għawdex. Il-Ministru temm id-diskors tiegħu billi ferаħ lill-Kumitat għall-organizazzjoni tajba u xtaq suċċessi akbar lill-Klabb fil-ġejjieni.

## DONAZZJONIJIET B'RIŻQ IT-TFAL TA' L-ISTITUTI

L-Onor. Freddie Micallef, Ministru ta' l-Industriji Parastatali u tal-Poplu rċieva żewġ donazzjonijiet li jlaħħqu għal madwar £M70 mingħand is-Sur Charles Vassallo, Viċi Konslu għal Malta ġo San Francisco l-Amerika u mingħand Major Patrick Beacom General Manager tad-ditta Nestlé. Il-flus intużaw biex inxtrat kwantità ta' ċikkulata Desserta mill-Malta Chocolate Company Limited u titqassam lit-tfal ta' l-istituti fil-ġranet tal-Festi.

Il-Kumpanija Malta Chocolate biex turi l-approvazzjoni tagħha għal din l-inizjattiva offriet prezz speċjali għal dik iċ-ċikkulata kollha li tinxtara biex tingħata lit-tfal ta' l-istituti.

## IL-MINISTRU TAT-TURIŻMU JIPPREŻENTA TROFEJ LILL-MARA IDEALI INTERNAZZJONALI 1976

Is-Sinjura Nathalie Attard, ir-rebbieħa tal-konkors tal-Mara Ideali Internazzjonali 1976, li sar dan l-aħħar f'Palermo, ġiet preżentata b'żewġ trofej mill-Onor. Daniel Piscopo, Ministru tat-Turiżmu.

It-trofej, wieħed mogħti mill-Ministeru tat-Turiżmu u l-ieħor mid-Dragonara Casino, ġew ippreżentati waqt pranzu fil-M.C.A.S.T. organizzat mill-Kumitat Malti tal-Mara Ideali.

Il-Ministru Piscopo ferаħ lis-Sinjura Attard talli ġiet magħżula l-Mara Ideali Internazzjonali, unur li kkontribwixxa biex ikabbar l-isem ta' Malta bħala post turistiku.

Qabel il-pranzu s-Sinjura Attard serviet il-cocktail li hija kienet ippreżentat waqt il-Contest.

*(Ir-ritratt juri lill-Onor. D. Piscopo wara l-preżentazzjoni tat-trofej lis-Sinjura Attard).*



## ● ID-DIRETTUR REĠJONALI TAL-W.H.O. F'LAQGĦAT MA' MINISTRI TAL-GVERN

Dr Leo Kaprio, Direttur Reġjonali tal-W.H.O., wieħed mill-personalitajiet barranin li ġew mistiedna għaċ-ċelebrazzjonijiet ċentenarji ta' l-Iskola ta' l-Anatomija u Kirurġija ta' l-Università ta' Malta, kellu laqgħa ma' l-Onor. V. Moran, Ministru tas-Saħħa u ta' l-Ambjent, li fiha huma ddiskutew materji dwar għajnuna teknika u oħrajn ta' interess komuni.

L-Onorevoli Lorry Sant, Ministru tax-Xogħlijiet u Sport, kellu wkoll laqgħa ma' Dr Kaprio.

F'din il-laqgħa ġiet diskussa l-għajnuna prattika li l-W.H.O. tista' tagħti lil Malta fil-problemi ta' "Sewage Purification" u "Water Conservation" u wkoll dwar modifikazzjoni fis-sistema preżenti tad-drenaġġ fl-ibliet u rħula ta' Malta u Għawdex.

Preżenti għal din il-laqgħa kien hemm it-Tabib Prinċipali fid-Dipartiment tas-Saħħa Dr A. Grech u l-Perit V. Calleja tad-Dipartiment ta' l-Ilma u uffiċjali oħra.



## ● IL-MINISTRU W. ABELA IQASSAM FLUS LIL ISTITUZZJONIJIET

Il-Ministru ta' l-Iżvilupp, Enerġija, Port u Telekommunikazzjonijiet, l-Onor. Wistin Abela, dan l-aħħar qassam il-flus miġbura mis-"surcharge" mill-bolli tal-Milied ta' l-1975.

F'diskors li għamel għall-okkażjoni, il-Ministru qal li wieħed mill-għanijiet tal-Gvern hu li jgħolli l-livell u jtejjeb il-kwalità tal-ħajja ta' kull Malti speċjalment ta' dak li ma jafx jew ma jiflaħx ifendi għal rasu, bħalma hu l-marid, ix-xiħ, iż-żgħir u l-iltim.

Il-Ministru Wistin Abela żied jgħid li waqt li qed nagħmlu dan bħala Gvern, irridu wkoll li fis-soċjetà Maltija ndaħħlu sens ta' tjubija talqalb u ħniena għal batut u ż-żgħir. Għalhekk hu kien qed jieħu gost jara li l-pubbliku ikkopera u bi spirtu ta' mħabba xtara dawn il-bolli tal-Milied b'żieda żgħira fuq il-valur tal-bolla, sabiex il-flus li jinġabru minn din iż-żieda żgħira jitqassmu lill-istituzzjonijiet li jieħdu ħsieb it-tfal u oħrajn anqas iffortunati.

Fil-fatt is-somma li nġabret mis-"surcharge" tal-bolli tal-Milied tal-1975 kienet £M6,545, li hija madwar £M1,500 iżjed minn dik tas-sena ta' qabel. Hu qal ukoll li hu nfurmat li mill-bolli tal-Milied li ħarġu din is-sena, is-somma ser terġa' taqbeż dik li nġabret mis-"surcharge" fl-1975.

Il-Ministru Wistin Abela rringrazzja lill-Kumitat għax-xogħol siewi li għamel dwar it-tqassim ta' dawn il-flus u lid-Dipartiment tal-Posta u lir-Rappreżentanti ta' l-Istampa għall-pubbliċità kollha li għamlu biex b'hekk jiżdied ix-xiri tal-bolli tal-Milied sabiex ikunu jistgħu jgawdu dawk it-tfal anqas iffortunati kemm f'Malta u f'Għawdex. Huwa rringrazzja wkoll lill-mexxejja ta' dawn l-istituzzjonijiet li qed jieħdu ħsieb dawn it-tfal. Il-Ministru ippreżenta ċekkijiet lil 22 istituzzjoni.

## ● IL-MINISTRU TAT-TURIŻMU JŻUR IL-PROĠETT TURISTIKU FIL-MELLIEĦA

Il-Ministru tat-Turiżmu, l-Onor. Daniel Piscopo, għamel żjara lill-proġett turistiku magħruf bħala 'Mellieħa Holiday Centre' fil-Bajja ta' l-Għadira, il-Mellieħa.

Il-Ministru kien akkumpanjat mill-Membru Parlamentari Laburista s-Sur Reno Calleja, mis-Sur George Agius, Segretarju Ġenerali tal-General Workers' Union u mis-Sur Joe Borg, President ta' l-istess Union, li huma t-tnejn diretturi tal-kumpanija.

Dan il-proġett ta' 600 sodda qed jinbena mill-General Workers' Union, mill-Unions Daniżi u mid-'Dans Folke Ferrie', jiġifieri l-assoċjazzjoni tal-pensjonanti Daniżi.

Il-Mellieħa Holiday Centre se jkun fih 150 "bungalow", b'erba' sodod kull waħda u se jqum £M2 miljuni. Iċ-Ċentru se jkun jinkludi wkoll restaurant, pixxini, sala tal-konferenzi, kmamar fejn ibiddlu u kumditajiet oħra. Huwa mistenni li l-proġett ikun lest fl-1978.

Il-"bungalows" qed jinbnew kollha kemm huma bil-ġebla Maltija iżda bi stil ta' abitazzjoni u għamara Daniża. Parti mill-"bungalows" se jingħataw lill-General Workers' Union għat-turiżmu domestiku.

Il-Ministru qal li l-Gvern qed iħares lejn is-suq Daniż bħala wieħed mis-swieq important biex jiddiversifika s-swieq turistiċi. Il-Ministru Piscopo kien iltaqa' ma' Mr Ivan Barrington, il-General Manager tal-proġett u dan l-aħħar kellu laqgħa siewja wkoll mal-konsulent tal-pubbliċità tat-Tourist Board fid-Danimarka, Mr K. D. Boethner.

Fuq il-post mal-Ministru kien hemm ukoll il-Perit tal-proġett, is-Sur Louis Naudi.



## IL-MINISTRU BARBARA U L-MINISTRU MORAN IQASSMU L-BONUS TAL-MILIED LIX-XJUĦ

Il-Ministru tax-Xogħol, Għajnuna Soċjali u Kultura, l-Onor. Agatha Barbara flimkien mal-Ministru tas-Saħħa u ta' l-Ambjent l-Onor. V. Moran, ftit qabel il-Milied għamlu żjara lix-xjuħ ta' l-isptar San Vinċenz de Paule f'Ħal Luqa.

Kemm il-Ministru Barbara kif ukoll il-Ministru Moran kellmu lix-xjuħ miġburin għall-okkażjoni fil-kappella tal-post u qassmulhom personalment għotjiet ta' £M24 li huma l-aħħar parti tal-bonus għal din is-sena.

Fid-diskors tagħha, fost ħwejjeġ oħra, il-Ministru Barbara qalet lil dawk preżenti kif il-Gvern barra li sa fejn hu possibbli jaħseb fihom is-sena kollha, fiż-żmien tal-Milied jiftakar fihom b'mod speċjali sabiex huma wkoll ikunu jistgħu jifirħu bħal ħaddieħor f'dawn il-jiem ta' festi.

Fid-diskors li għamel il-Ministru Moran, huwa qal li jħossu kburi jiltaqa' personalment ma' din il-klassi tas-soċjetà għaliex ix-xjuħ, il-morda, il-foqra u l-immankati minn dejjem kienu ħafna għal qalbu.

Il-Ministru Moran talab koperazzjoni sħiħa bejnu u bejn il-membri ta' l-istaff bi skop li jkun jista' jsir iżjed ġid fost il-pazjenti. Huwa wiegħed li se jagħmel dak kollu possibbli biex is-sezzjoni ta' l-irġiel ta' l-isptar tiġi modernizzata kif inhu xieraq bħalma sar diġà għas-sezzjoni tan-nisa.

Il-Ministru Barbara u l-Ministru Moran imbagħad wasslu awguri ta' ferħ għal Milied hieni u sena ġdida mimlija riżq lill-istaff u lill-pazjenti kollha ta' l-isptar.

Preżenti għal din l-okkażjoni kien hemm ukoll is-Suprintendent ta' l-isptar Dr J. Attard u s-Sur Joseph Sant'Angelo, Welfare Officer fid-Dipartiment tas-Servizzi Soċjali.

## JITQASSMU APPOINTMENTS LIL LEADING GARDENERS

Il-Ministru ta' l-Industrija, Sajd u Biedja, is-Sur Danny Cremona, dan l-aħħar qassam 15-il appointment ta' Leading Gardener lill-impjegati tad-Dipartiment ta' l-Agrikoltura li kkwalifikaw għal din il-ħatra.

Il-grad ta' Leading Gardener huwa post ġdid li nħoloq fir-riorganizzazzjoni tad-Dipartiment ta' l-Agrikoltura wara li l-Gvern u l-General Workers' Union iffirmaw ftehim dwar il-gradi Dipartimentali f'dan id-Dipartiment fl-10 ta' Ġunju li għadda.

L-appointments lil-Leading Gardeners huma l-ewwel f'sensiela ta' ħatriet fid-Dipartiment ta' l-Agrikoltura li għandhom jingħataw aktar 'il quddiem.

Il-Ministru f'diskors sabiħ li għamel lill-impjegati ferħilhom tal-kariga ġdida li ħadu u xtaqilhom suċċess fix-xogħol tagħhom sabiex il-Ministeru tiegħu jkun jista' jimxi 'l quddiem. Il-Ministru offrilhom l-għajnuna kollha tiegħu kif huwa jistenna min-naħa tagħhom.

Il-kariga ġdida tagħhom tfisser li se jkollhom numru ta' nies taħt il-ħarsien tagħhom u għalhekk jistenna li jagħrfu jmexxu b'responsabbiltà u dixxiplina lil dawn il-ħaddiema sabiex ix-xogħol li għandu jsir, isir bl-akbar ħeġġa u entużjażmu għall-ġid tagħhom infushom u tan-nazzjon.

## ŻJARA MILL-FEDERAZZJONI TA' L-INDUSTRIJI TA' MALTA LILL-ONOR. A. BARBARA

Il-President u Uffiċjali tal-Federazzjoni ta' l-Industriji ta' Malta ix-xahar li għadda għamlu żjara ta' kortesija lill-Onor. A. Barbara, Ministru tax-Xogħol, Għajnuna Soċjali u Kultura.

It-taħditiet, li kienu kordjali ħafna, koprew fost suġġetti oħra:— l-Att tal-1976 dwar ir-Relazzjonijiet Industrijali; il-parteċipazzjoni tal-ħaddiema; l-assenza mix-xogħol u ċertifikat għas-'sick leave'; ingaġġ ta' ħaddiema permezz ta' l-Uffiċċju tax-Xogħol; skema ta' apprendistat għat-taħriġ tal-ħaddiema; skema għal għajnuna lil industriji ta' skala żgħira bil-għan li jiżdiedu l-impiegi u ftehim dwar koperazzjoni bejn il-Ministeru u l-Federazzjoni ta' l-Industriji ta' Malta.

Id-delegazzjoni kienet komposta mis-Sur L. V. Gauci, President; is-Sur J. M. Borg, Viċi-President; is-Sur L. D. Abela, L.P., Segretarju Onorarju; u s-Sur L. Vassallo Cesareo, Assistent Segretarju Onorarju. Il-President ta x-xewqat tajba lill-Ministru f'isem il-Kunsill u l-membri tal-Federazzjoni. Is-Sur W. F. Leaver, Segretarju Ġenerali tal-Federazzjoni; is-Sur J. Attard, Assistent Segretarju fil-Ministeru u s-Sur J. Lanzon, Segretarju Privat tal-Ministru kienu wkoll preżenti.



# JUM IR-REPUBBLIKA

## 13 TA' DIĊEMBRU 1976

### GĦOTI TA' MIDALJA "ĠIEĦ IR-REPUBBLIKA"



▲ Il-President waqt id-diskors tiegħu.



◀ Il-President jispezzjona l-Gwardja ta' l-Unur.



◀ L-isfilata minn Triq ir-Repubblika — il-membri tal-Korp tal-Pulizija ta' Malta.



Dawk li ngħataw il-Midalji ta Ġieħ ir-Repubblika: Is-Sinjura Balzan għan-nom ta' żewġha li miet fuq ix-xogħol; is-Sur Francis Spiteri; Abdulati l-Obeidi, Ministru tax-Xogħlijiet u tas-Servizz Pubbliku tal-Libja; il-Ġeneral Giuseppe Piovano u l-Kurunell Umberto Pelizzola, it-tnejn ta' l-armata Taljana; Ernst Wolf Mommsen, Ministru ta' l-Istat għad-Difiża fil-Gvern tal-Ġermanja; Roberth Ellsworth, ambaxxatur speċjali tal-President ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika; u Lady Juliet Bingley li serviet ta' medjatriċi bejn Malta u l-Ingilterra. Mons. Casaroli mistenni jingħata l-midalja f'okkażjoni oħra meta huwa għandu jerġa' jiġi Malta.

L-armla ta' Pawlu Balzan tiltaqa' mal-Prim Ministru s-Sur Dom Mintoff. ▶





▲ Il-Ministru s-Sinjorina Agatha Barbara, rappreżentanta tal-Prim Ministru.



▲ Il-Midalja ta' Ġieħ ir-Repubblika ta' Malta.

L-isfilata minn Triq ir-Repubblika. ▶



# FTUĦ TA' ESTENSJONI TA' FABBRIKA F'GĦAWDEX



**Il-Ministru tax-Xogħol, Għajnuna Soċjali u Kultura s-Sinjorina Agatha Barbara tiftaħ l-estensjoni tal-fabbrika.**



Il-Ministru tax-Xogħol, Għajnuna Soċjali u Kultura s-Sinjorina Agatha Barbara nhar is-Sibt, 20 ta' Diċembru, 1976, fetħet estensjoni tal-fabbrika Malta Farrin Ltd. fl-Estate Industrijali tax-Xewkija, Għawdex.

Din il-fabbrika tipproduċi lbiesi tan-nisa għall-esportazzjoni. F'Diċembru ta' l-1973 din il-fabbrika kienet tħaddem 70 ruħ u llum din il-fabbrika tħaddem 350 impjegata u meta fl-1973 kienet tipproduċi 100 unit fil-ġimgħa llum din il-produzzjoni telgħet għal 7000 unit fil-ġimgħa.

Fost pajjiżi oħra din il-fabbrika tesporta lejn il-Kanada, l-Istati Uniti, l-Awstralja u l-Ġappun kif ukoll fil-pajjiżi tas-Suq Komuni.

# Il-Perikli tas-Sigaretti

**IS-SIGARETTI huma attrazzjoni qawwija għal ħafna nies li huma maħkuma minn dan il-vizzju — irrid insejjaħlu vizzju u mhux sempliċi drawwa, għaliex kif ser naraw aktar tard, għalkemm it-tipjip jista' jservi temporanjament ta' sollievju jew ta' passatemp, b'danakollu jkun qed jesponi lill-individwu konċernat f'perikolu serju f'dak li jirrigwarda s-saħħa tal-bniedem.**

Il-vizzju tat-tipjip jista' jibda b'diversi modi — bħal ngħidu aħna, wieħed ipejjep għax irid ikompli fis-soċjetà u ma jridx jidher differenti minn ħaddieħor. Hawn min ipejjep biex igħaddi ż-żmien jew għax igħid li jtaffi n-nervi. Fiż-żgħażagħ imbagħad għandna sitwazzjoni oħra — ħafna żgħażagħ ta' minn għaxra sa erbatax-il sena jaraw (sfortunatament ħażin) is-sigaretti bħala simbolu ta' rġulija — jekk huma jpejpu allura m'għadhomx tfal, iżda saru rġiel minn lejn għan-nhar. Ma jirrealizzawx illi ser jaqbdu drawwa li aktar tard ser isibuha diffiċli li jaqtgħu.

## IL-ĦSARA GĦAS-SAĦĦA

Miniex ser nitkellem fuq il-problemi finanzjarji — għalkemm dawn ukoll jistgħu jkollhom riflezzjoni fuq s-saħħa għax jekk bniedem irid jonfoq ċertu flus kuljum għas-sigaretti jrid inaqqashom mill-flus tal-ħajja għalih u għall-familja tiegħu. Sejjer niddiskuti biss xi ħsara jistgħu jagħmlu s-sigaretti fuq is-saħħa tal-bniedem. Ma nistax insemmi l-mard kollu, imma sejjer nillimita ruħi għal tliet mardiet serji: —

## IL-MARD TAL-QALB

Huwa fatt, illi min ipejjep għandu aktar ċans li jimrad bl-"anġina" jew trombosi ta' l-arterji tal-qalb. Ir-riskju ta' min ipejjep huwa d-doppju. Dan ma jfissirx li s-sigaretti waħedhom huma l-kawża — però huwa ċert illi huma jikkontribwixxu għal dan il-mard. In-numru ta' każi ta' din il-kwalità talmard qed jikber ġmielu u nistgħu ngħidu li laħaq proporzjonijiet bħal meta nsemmu l-epidemja. Għandna nagħmlu kuraġġ però, mill-fatt li hemm xhieda li jekk wieħed jieqaf ipejjep ikun qed inaqqas ir-riskju li jmut b'din il-marda. Però jinħtieġ li jieqaf qabel ma jkun tard wisq.

## IL-BRONKITE KRONIKA

Aktar ma wieħed ipejjep, aktar wieħed ikun qed jirrita l-bronki u l-pulmuni. M'hemm ebda dubbju li s-sigaretti jirritaw. Aktar tard, wieħed jibda jbati minn sogħla kera (speċjalment fil-għodu) qtiegħ ta' nifs u katarru. Is-sogħla tista' tkun inkrepattiva ħafna u tħallik sfinit. Meta l-marda tidħol 'il ġewwa ħafna, taffettwa anke l-pulmuni (emfizema) u jkun hemm ukoll "ażżma". Aktar tard tbati ukoll il-qalb. Ta' min jinnota illi l-ħsara li jagħmlu s-sigaretti f'dan ir-rispett hija irriversibbli.

## IL-KANĊER TAL-BRONKI JEW TAL-PULMUN

Din il-marda fatali, qegħda kull ma tmur tiżdied. M'hemm ebda dubbju li s-sigaretti jistgħu jġibu kanċer. It-tobba rnexxielhom jiddentifikaw sustanza li tinsab fis-sigaretti li tista' tikkaġuna l-kanċer. Huwa veru li hemm forma a' dan il-kanċer tal-pulmuni li tista' taffettwa lil min ma jpejjipx, però dawn il-każi huma minoranza żgħira ħdejn il-maġġoranza tal-każi. L-irġiel huma ferm iktar suxxettibbli, però mindu n-nisa saru jpejpu wkoll, id-differenza bejn l-irġiel u n-nisa qiegħda kull ma tmur tonqos.

## X'JISTA' JSIR

Diġà ttieħdu passi. Ir-reklami tas-sigaretti minn fuq it-television inqatgħu. It-tipjip fil-karozzi tal-linja u fi-cinemas sar ipprojbit. Saru wkoll kampanji u propaganda biex il-poplu jirrejalizza l-perikolu tas-sigaretti.



# KULTURA




*Żeffiena Libjani f'Malta*

## Żeffiena Libjani jagħtu Wirja fil-Belt

Nhar l-Erbgħa, 16 ta' Diċembru, grupp a' 45 raġel u mara Libjani taw wirja taż-żfin fi Pjazza Ħelsien, il-Belt. Din il-wirja, li għaliha attendew mijiet ta' nies ġiet mogħtija bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet fl-okkażjoni tat-tieni anniversarju tar-Repubblika ta' Malta.

L-għan li għalih ġie mwaqqaf dan il-grupp, madwar tliet snin ilu, kien li jikkrea interess fil-Folklor Libjan f'pajjiżi barranin. Dan il-grupp żar diversi pajjiżi u ħa parti wkoll f'għadd ta' Festivals ta' żfin kemm fl-Alġerija kif ukoll fit-Tunesia u l-Italja.

## Kunċerti ta' l-Orgni

Il-Ministeru tax-Xogħol, Għajnuna Soċjali u Kultura għandu l-pjaċir iħabbar illi se jerġgħu jibdew isiru Kunċerti ta' l-Orgni fil-Kon-Kattidral ta' San Ġwann.

Dawn il-Kunċerti se jiġu organizzati kull xahar mill-Kunsill tal-Kultura bil-koperazzjoni ġentili tal-Kapitlu tal-Kattidral. L-ewwel kunċert f'din is-serje ngħata nhar l-Erbgħa, 15 ta' Diċembru. L-organista r-Rev. Kav. C. Scerri flimkien mal-Kor ta' San Ġiljan, taħt id-direzzjoni tar-Rev. G. Galea, ħadu sehem fil-kunċert li kien jikkonsisti f'xogħlijiet ta' Pacchelbel, Purcell, Sranley, Bach, Haendel, Shaw, Camilleri u kompożituri oħra.

## Preżentazzjoni ta' Ktieb lill-Onor .A. Barbara

L-awtur magħruf, is-Sur Joseph Attard ippreżenta kopja ta' l-aħħar ktieb tiegħu bl-Ingliż "Oleanders in the Wind" lill-Ministru tax-Xogħol, Għajnuna Soċjali u Kultura, l-Onor. Agatha Barbara.

Is-Sur Attard, li huwa mpjegat tal-Gvern f'wieħed mid-dipartimenti mmexxi mill-istess Ministru Barbara, kiseb fama fil-qasam letterarju kemm lokalment kif ukoll barra minn Malta għal diversi xogħlijiet tiegħu bħalma huma artikoli, radju drammi u rumanzi.

Filwaqt li s-Sur Attard irringrazzja lill-Ministru Barbara għall-apprezzament tagħha, hija stqarret li tħossha kburija li f'Malta għandna talenti ta' livell għoli li meta jiġu kkultivati jagħmlu ġieħ lil pajjiżna.

# Ngħożżu Wirt Artna

## AVVIŻI TAL-GVERN

### RIMI TA' SKART U ŻIBEL

Id-Dipartiment tas-Saħħa u ta' l-Ambjent jixtieq għal darb'oħra jiġbed l-attenzjoni tal-pubbliku għall-isforzi ripetuti tiegħu biex Malta tinżamm nadifa. Għal dan il-għan, il-koperazzjoni tal-pubbliku ġiet ripetutament mitluba fl-imgħoddi.

Wieħed għalhekk b'dispjaċir josserva illi din il-koperazzjoni mhux dejjem tingħata. Għad hawn l-użanza illegali li l-iskart u żibel ieħor jiġu mormija f'toroq ewlenin, fl-inħawi ta' madwar l-ibliet u l-irħula, u f'postijiet oħra f'Malta. Dan l-abbuż għandu jiġi kkundannat bil-qawwa.

Flimkien mad-Dipartiment tal-Pulizija, passi qawwija sejrin jittieħdu biex tinqered din l-użanza illegali, biex tiġi nfurzata l-liġi, u jiġu mħarrka dawk li jiksru l-liġi. Ta' min ifakkar illi l-pieni għal abbuż f'konnessjoni ma' l-iskart dan l-aħħar żdiedu u, barra minn multa, il-liġi tikkontempla wkoll is-sekwestru tal-vettura li tiġi wżata f'konnessjoni ma' din l-offiża.

* * *

### BORD TAL-ARBITRAĠĠ DWAR ARTIJIET

B'ordni tal-Bord, il-kawżi kollha li kellhom jinstemgħu nhar it-Tnejn 8 ta' Novembru, 1976 ġew differiti għas-seduta tat-Tnejn, 10 ta' Jannar, 1977 fid-9.00 a.m.

### KONTIJIET TA' L-ILMA U TAD-DAWL

Fid-Dipartiment ta' l-Ilma spiss jaslu rapporti ta' konsumaturi li jirċievu kontijiet ta' l-ilma u tad-dawl li jaħsbu li ma jkunux tagħhom. Għalhekk, tajjeb li wieħed ikun jaf ċar xi jgħidu r-regolamenti biex kulħadd ikun jista' jimxi fuqhom.

Meta wieħed jidħol f'post ġdid, hu fid-dover li javża l-uffiċċju fil-Berġa ta' l-Italja, Triq il-Merkanti, l-Belt Valletta mill-aktar fis. Jekk wieħed minn post imur f'ieħor — ġdid jew mhuwiex — għandu l-istess javża lid-Dipartiment mhux inqas minn ħmistax-il ġurnata qabel iġorr biex ikun jista' jittieħed il-qari ta' l-arloġġ ta' l-ilma u tad-dawl u jkun jista' joħroġ kont sa dak in-nhar. Jekk dan ma jsirx, wieħed jibqa' responsabbli sakemm jittieħed il-qari anke jekk dak il-konsum ikun qed isir minn ħaddieħor.

Dan japplika mhux biss meta wieħed imur joqgħod f'post ieħor imma wkoll jekk ikun se jiftaħ ħanut, garage, fabbrika, jew jekk ikun se jikri post lil xi ħadd. Huwa għalhekk fl-interess ta' kull sid jew amministratur li meta jikru post, flat jew ħanut — hu x'inhu — javżaw lid-Dipartiment bil-miktub mill-aktar fis dwar kif inkera l-post — jiġifieri hux bix-xahar, jew għal xi żmien ieħor — u lil min. Ta' min ifakkar jekk javżaw lid-Dipartiment is-sid jew amministratur ta' fond li jikru post bix-xahar jew bit-tlett xhur huma responsabbli għall-ħlas tal-kontijiet jekk l-inkwilin iħalli xi kont b'lura.

Meta wieħed ikun qed jibni xi post, tajjeb li jwaħħal l-isem tad-dar (jew flat jew ħanut) li bih ikun applika għas-servizz ta' l-ilma, biex meta jgħaddi l-meter reader ikun jaf liema arloġġ għandu jaqra.

Il-konsumaturi kollha huma mitluba jikkoperaw mad-Dipartiment biex ma jintilifx żmien f'verifiki bla bżonn. Jekk kulħadd josserva r-regolamenti ikun aħjar għall-konsumaturi u għall-iskrivani.

### IL-VAPUR TA' GĦAWDEX

Il-Kummissarju tal-Pulizija dan l-aħħar avża dawn il-bidliet fir-Regolamenti ta' l-1976 dwar l-orarju tas-servizz tal-valiġġa u passiġġieri ta' Għawdex pubblikati fl-Avviż Legali Nru. 122/76:

(a) b'effett minn nhar it-Tlieta 2 ta' Novembru, 1976 il-vjaġġ mill-Imġarr Għawdex tas-1.45 p.m. u l-vjaġġ tas-2.15 p.m. mill-Marfa bejn it-Tnejn u s-Sibt mill-1 ta' Ottubru sal-31 ta' Marzu jsiru fis-1.15 p.m. u fis-2.00 p.m. rispettivament;

(b) fis-sajf, il-vjaġġ tas-7.00 p.m. mill-Imġarr Għawdex u l-vjaġġ tat-7.45 p.m. mill-Marfa fil-granet kollha tal-ġimgħa jsiru biss fil-perijodu l-1 ta' Ġunju — 15 ta' Settembru.

* * *

### TIĠDID TA' LIĊENZI TA' 'WIREMAN'

Il-Liċenzi ta' Wireman 'A' u 'B' jistgħu jiġġeddu matul ix-xhur ta' Jannar u Frar, 1977.

Dawk li għandhom liċenzi bħal dawn għandhom imorru personalment fil-Bord ta' l-Elettriku ta' Malta, Uffiċċju Ċentrali ta' l-Amministrazzjoni, Xatt il-Knisja, il-Marsa (u jippreżentaw il-Karta ta' l-Identità tagħhom) biex iġeddu l-liċenza/i tagħhom.

Il-'Wiremen' li joqogħdu Għawdex jistgħu jġeddu l-liċenza/i tagħhom fl-Uffiċċju Distrettwali ta' Għawdex, ir-Rabat. Kemm-il darba liċenzi bħal dawn ma jiġġeddux sad-data stipulata jkollu jitħallas dritt ta' £M1.

---

**IBŻA' GĦAL SAĦĦTEK**

**TPEJJIPX**

*DAWRA MAL-GŻEJJER*

# TAS-SLIEMA

**Mill-Ktieb**
**"BLIET U RĦULA MALTIN"**
**ta' Alfie Guillaumier**

Is-subborg ta' Tas-Sliema, li hu bogħod mill-Belt Valletta 4¼ mili, hu meqjus bħala lok ferm sabiħ kemm għal dak li hu ambjent, kif ukoll għall-moderniżmu li fih.

Daqs sittin sena ilu f'Tas-Sliema ma kien hemm xejn għajr raba', blat, trunċieri, u xi triq imħarbta. Ngħidu aħna, dik it-triq li llum insibuha t-Triq tat-Torri, sabiħa, dejjem gala, u lesta għall-festa, ftit snin ilu kienet triq imħarbta bla bini xejn, kemm igħaddi karozzin qalb il-ġebel. Kienet it-triq ewlenija li tagħti għal San Ġiljan.

Għall-ewwel kien miżmum għall-villeġġjatura. Meta mbagħad bdew jaħdmu l-laneċ minn Marsamxett għal hemm, il-bini kotor għaliex in-nies sabet il-kumdità.

Dan is-subborg hu mibni madwar il-baħar, iħares mill-Ponta ta' Tignè (mill-Maltin imsejħa Tinjer) lejn il-Belt Valletta.

Ix-xtajta ta' Tas-Sliema hi meħuda minn taħt il-Forti Manoel sa taħt il-Forti Tigné u minn hemm tibqa' dieħla sa ma tispiċċa ġol-Bajja tal-Balluta.

Il-Ponta ta' Tignè tissejjaħ Ras Dragut billi bil-bumbardament tat-Torok fl-Assedju l-Kbir ta' l-1565, il-famuż kursar Dragut talla' fuqha batterija min-nies tiegħu, iffortifikata b'erba' kolumbrini kbar biex jisparaw għall-ġenb ta' Forti Sant' Jermu.

## IT-TORRI TA' SAN ĠILJAN

Meta laħaq Gran Mastru De Redin ipproġetta li fuq kull ilsien ta' art li tħares fuq firxa kbira ta' baħar kellu jittalla' torri mdaqqas minn flusu. Castagna jgħid li kemm it-Torri ta' San Ġiljan kif ukoll il-batterija ta' Lembi bniehom Pintu fl-1760. Arturo Caruana jaqbel ma' dak li niżżilna aħna bid-differenza fid-dati. Minflok 1658 jagħmilha 1684 u l-1760 igħid li kienet 1742. It-Torri kienu jgħidulu wkoll il-Wardija (Guardia) ta' Ġebelin. G. Calleja jaqbel magħna wkoll. Raw kemm riedu jibnu minnhom u sabu li kien jeħtieġ 14-il wieħed — u dan it-torri hu wieħed minnhom li sar fl-1658 u kellu jħarsuh 4 kanuni. Fl-1951 twaħħlet miegħu rħama kommemorattiva mid-Dipartiment tal-Mużew Nazzjonali.

## FORTI TIGNÈ

Meta tela' fil-Maġistratura De Rohan ried li fuq il-ħarġa ta' art li tiġi sewwa sew ġo nofs Marsamxett, tinbena fortizza sabiex tkun tista' tħares il-Belt Valletta minn fuq dik ix-xaqliba li kienet vojta u ma jiġrix bħalma kien ġara fl-1565.

Biex iwettaq ix-xogħol, fl-1792 inġieb l-Inġinier Franċiż Tignè, li għax-xogħol li għamel wara sar-Kavalier. Igħinu fix-xogħol dejjem kellu lill-Inġinier Malti Toni Cachia. Ġie stmat ix-xogħol u n-nefqa kellha tkun ta' 420,000 skud li Castagna jgħid li ġiet imħallsa mill-Balliju Tignè. Iżda mill-kitba li hemm fuqu jidher li l-ispiża kollha ħallasha l-istess Gran Mastru.

F'Mejju ta' l-1792 beda jinbena dan il-Forti u ssemma Tignè, għall-Inġinier li bnieh. Dam isir tliet snin u fit-22 ta' Lulju, 1795 kien lest u armat b'25 kanun u żewġ polvristi. Dan il-Forti, mibni f'għamla ta' stilla jikkonsisti prinċipalment f'torri, b'kanun fuqu mill-kbar — żewġ imħażen u 6 kmamar għall-artillerija.

Fuq il-bieb hemm din il-kitba bil-Latin: —

"Lil Emanuel De Rohan Gran Mastru ta' l-Imqaddes Ordni Ġerosolmitan li f'Malta bis-soltu tjubija u bi spirtu ta' tmexxija dan it-torri b'ta' madwaru minn flusu u bla ma jidher ismu bena fis-sbatax-il sena tal-ħakma tiegħu, lil dan il-Prinċep tajjeb in-nies tat-taqbid ħadu ħsieb poġġew."

Din kienet l-aħħar opra li għamlet ir-Reliġjon għaliex ftit taż-żmien wara Napuljun ħa kollox taħt idejh. Din il-fortizza llum tinsab f'idejn is-servizz.

## FORTI SLIEMA

Fis-sena 1876 ittellgħet mill-Ingliżi fortizza ġdida magħrufa bl-isem ta' Fort Sliema fuq il-wesgħa ta' Għar id-Dud u kienet armata b'erba' kanuni, fejn ftit snin wara saret il-batterija Cambrig Battery, bejn il-Fortina u Għar id-Dud b'kanun wieħed. Forti Sliema swiet £12,000.

## POPOLAZZJONI

Naraw li fl-1901, Tas-Sliema kellha 12,015-il ruħ. Fl-1911 insibulha 14,129 ruħ u fl-1921 tellgħet l-għadd sabiħ ta' 15,215-il ruħ. Fl-1931 tella' l-għadd ġmielu ta' 19,000 ruħ. Fl-aħħar statistika ta' l-1961 kellha 22,333 ruħ, u dan jurina li hi l-akbar popolazzjoni tal-gżejjer tagħna.

## KIF BEDA ISIMHA?

Fuq il-promontorju fejn fuqha ġiet mibnija t-trunċiera minn Pinto, kien hemm kappella dedikata lill-Madonna, Kewkba tal-Baħar. Ferris u Calleja jgħidu li kienet taħt it-titlu tal-Madonna delle Salute (Sliema). Jekk hu hekk m'hemmx għalfejn wieħed jitbiegħed għaliex isem il-knisja ta ismu lis-subborg.

Castagna jsemmi li Tas-Sliema ħa ismu mit-titlu tal-Madonna ta' l-ewwel knisja li saret f'dan il-post, billi l-kwadru ewlieni jippreżenta l-Ħarba tas-Sagra Familja mill-Eġittu li waslet bis-*Sliema*. Verżjoni oħra tgħid li hu isem Lhudi, li hu ġej minn Selim u Selmun mill-Għarbi. B'hekk seta' nħoloq *sellem*, imbagħad sar Sliema.

L-arma ta' dan is-subborg hi stilla nofsha ħamra fuq kamp abjad u nofsha bajda fuq kamp aħmar. Il-motto tagħha hu: *"CELER AD ORAS SURGO"* — (Ħafifa nitla' fuq ix-xtut).

**STELLA MARIS**
**Knisja Parrokkjali Matriċi**

Din il-knisja ġiet imtella' bil-ġbir tal-villeġġjanti ta' dak il-lok marittmu, u ta' xi nies ħanina tal-gżira. L-art ġiet mogħtija mill-Kapitlu tal-Kattidral. L-ewwel ġebla flimkien mar-relikwi ta' tnax l-Appostlu tqiegħdet fit-28 ta' April, 1853 mill-Vigarju Ġenerali, ir-Rev. Dr Dun Vincenzo Chapelle.

Ix-xogħol baqa' sejjer bla waqfien sa l-1 ta' Ottubru, ta' l-istess sena. F'April ta' l-1854 ix-xogħlijiet reġgħu bdew u fit-22 ta' Novembru, 1854, tqiegħdet l-aħħar ġebla ta' l-apside (id-daħla msaqqfa nofs tond). Fi żmien sentejn il-bini kollu kien lest. It-tberik tal-knisja l-ġdida tħalla għall-11 ta' Awissu, 1855, u l-imsemmi Vigarju Ġenerali għamel ir-rit sagru.

Id-disinn tal-Knisja ta' Stella Maris kien ta' l-arkitett Ġużeppi Bonavia li mexxa x-xogħol għal sentejn b'xejn. L-arkitettura tagħha huwa ta' stil Joniku.

**KUNVENT U KNISJA TAL-PATRIJIET DUMNIKANI**

Tliet qassisin aħwa, Dun Orazju, Dun Andrea u Dun Pietru Borg kellhom dar tal-villeġġjatura fix-Xatt ta' Tas-Sliema.

Ix-xewqa tagħhom kienet li jibnu kappella f'Misraħ Sant'Anna. Imma l-awtoritajiet Militari ma tawhomx permess, u hekk baqgħu jisservew bid-dar.

Wara l-mewt ta' dawn is-saċerdoti daħlet werrieta s-Sinjura Vittorja Borg li żżewġet lin-Nobbli Markiż Karlu Ermolao Zimmermann Barbaro dei Marchesi di S. Giorgio. Iż-żewġ sinjuri mill-ewwel bdew jaħsbu biex jaraw x'jagħmlu ħalli jibnu kappella.

Billi fis-sena 1854 ix-xbiha ta' Ġesù Nazzarenu, meqjuma Santa Marija ta' Ruma, kienet qed tagħmel ħafna mirakli, in-Nobbli Markiż u s-Sinjura tiegħu qatgħuha li jekk jagħmlu kappella jiddedikawha lil Ġesù Nazzarenu.

Kemm il-Markiż kif ukoll martu bdew jagħmlu ħafna legati u l-jum wasal meta fit-18 ta' April, 1893, l-Arċisqof Pietru Pace qiegħed l-ewwel ġebla f'Tignè Wharf, fejn tinsab il-lum. Il-Perit kien is-Sur Franġisku Wettinger u l-imgħallem tal-ġebel kien is-Sur Karlu Dingli minn Ħal Balzan.

Il-knisja tlestiet u ġiet konsagrata fit-2 ta' Lulju, 1895, mill-Arċisqof Mons. Pietru Pace. Hija kienet mibnija fuq stil Korintu b'kapitelli tal-vignola.

**IL-MADONNA TAS-SLIEMA**

L-ewwel knisja li kien hemm ġo dan is-subborg marittmu kienet dik dedikata lill-Madonna della Salute (Sliema) li l-baħħara Maltin kellhom id-drawwa jsellmulha meta jidħlu jew joħorġu mill-port.

Din il-knisja kienet inbniet fis-seklu XVII, u wara ġiet profanata mill-Isqof Balaguer. Fl-1741 indaħal biex isewwiha minn flusu Dun Mikiel Palma u meta kienet lesta għaqqduha mal-batterija li bena Pintu fl-1757-60 fil-Qala ta' Lembi (Ferris igħid li kienet ftit bogħod mill-Forti Tignè quddiem Marsamxett), li jiġi iktar lejn Għar id-Dud milli lejn it-Torri ta' San Ġiljan.

Din il-knisja twaqqgħet waqt l-Assedju tal-Franċiżi (1798-1800) u baqgħet imwaqqa'. Fid-daqs kienet żgħira, iżda kien fiha pittura minn artisti ċelebri. Dak li kien fuq l-altar kien kopja perfetta fuq ta' Raffaello u juri s-Sagra Familja, li kien ġie restawrat tajjeb minn Ġużeppi Calleja bit-tħabrik tal-Baruni Sciberras Trigona. Iż-żewġ kwadri l-oħra kienu, wieħed l-Anġlu Kustodju u l-ieħor il-Madonna bil-Bambin u ħafna Anġli li kienu xogħol eċċellenti tal-Kalabriż.

**IS-SACRO CUOR**
**Knisja Parrokkjali**

Meta Tas-Sliema bdiet tikber inħasset il-ħtieġa li tinbena knisja oħra.

Dun Pawl Vella, fl-1872, ġabar ftit ħbieb u beda jħabrek biex jara l-ħolma tiegħu sseħħ. Mons. Arċisqof Pace Forno, qabel ma' dal-ħsieb u f'Ottubru 1872 għamel Degriet u bagħtu lill-Kapitlu tal-Kattidral. Inqalgħu xi diffikultajiet billi kien hemm min ma riedx li tingħata l-art b'ċens. Sadattant l-Isqof Pace Forno miet u twaqqaf kumitat ieħor. Bdew isiru s-sottoskrizzjonijiet u min ried beda jaħdem b'xejn fil-Ħdud u b'hekk il-konkorrenza kienet ġeneruża.

Maż-żmien in-nies kotrot, u l-Patrijiet xtaqu li l-knisja tagħhom ma tibqax aktar suġġetta lejn il-knisja ta' Stella Maris. Fuq talba ta' Mons. Arċisqof Caruana, is-Santa Sede b'Degriet tat-12 ta' Lulju, 1918, waqqafha f'Parroċċa. Fid-29 ta' Settembru, ta' l-istess sena ġiet inawgurata parroċċa indipendenti.

**SAN GIRGOR IL-KBIR**
**Knisja Parrokkjali**

Il-parroċċa ta' San Girgor inqatgħet mit-tliet parroċċi l-oħra ta' Stella Maris, tas-Sacro Cuor u ta' San Ġiljan fit-22 ta' Diċembru, 1940, mill-Arċisqof Dom Mawru Caruana u l-ewwel Kappillan tagħha nħatar Dun Karm Farrugia, D.D.

L-ewwel ġebla ta' dil-knisja tqiegħdet fl-20 ta' Awissu, 1923 u ġiet ikkonsagrata mill-Arċisqof Gonzi fil-11 ta' Ottubru, 1949. Il-knisja hi ta' stil romanesk u l-arkitett tagħha kien is-Sur Godwin Galizia, A. & C.E.



IPPUBBLIKAT MID-DIPARTIMENT TA' L-INFORMAZZJONI — STAMPAT FL-U.C.S. — STAMPERIJA TAL-GVERN